**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 1 ta' Dicembru, 2015**

Talba Numru: 767/2015JB

Kawza Numru: 6

**Blue Media Marketing Limited**

***vs***

**Jet Services Limited**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat nhar il-15 ta' Settembru 2015 fejn is-Socjeta Attrici talbet li s-Socjeta Konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf hames mija u ghaxar euro u erbghin centezmu (€1,510.40) rapprezentanti bilanc dovut fuq il-prezz ta' reklamar u servizzi relatati, bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet skond il-ligi bir-rata ta' mill-anqas tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq il-valur ta' kull fattura indikata fuq il-prospett anness bl-applikazzjoni tal-Art. 26A tal-Kap. 13;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-11 ta' Novembru 2015;

Ra li s-Socjeta Konvenuta, debitament notifikata, laqghet ghall-azzjoni attrici b'risposta pprezentata nhar it-8 ta' Ottubru 2015 fejn eccepiet dan li gej:

1. Illi t-talba attrici hija preskritta ai termini tal-Art. 2149 tal-Kap. 16;
2. Illi l-eccipjenti mghandha l-ebda gharfien dwar it-talba attrici u ghalhekk din hi infondata fil-fatt u fid-dritt;
3. Illi trid issir prova tax-xoghol li sar mis-socjeta attrici;

Ra li fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2015, id-difensur tas-Socjeta Konvenuta specifika li l-ewwel eccezzjoni hija bazata fuq l-Art. 2149(c) tal-Kap. 16 u r-risposta giet debitament korretta;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' l-provi;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Ikkunsidra;

Illi din hija kawza fejn is-Socjeta Attrici qed titlob il-hlas ghal servizzi ta' reklamar. Is-Socjeta Konvenuta qieghdha tilqa' ghal din l-azzjoni permezz tal-eccezzjonijiet fuq riportati;

Illi s-Socjeta Attrici ressqet bhala xhud lil Kevin Attard li pprezenta kopja tal-fattura relattiva. Spjega li din il-fattura titratta riklam wiehed li kien deher fl-*inflight magazine* "Skylife". Qal li l-*booking order* kien iffirmat minn Malcolm Vella. Qal li mid-data tal-fattura baqa' ma thallas xejn minkejja li kienu jsiru telefonati lis-Socjeta Konvenuta kif ukoll kienu jintbaghtu prospetti. Sussegwentement, giet prezentata wkoll kopja tal-*magazine* de quo u ittra mibghuta mill-avukat tas-Socjeta Konvenuta;

Illi s-Socjeta Konvenuta ressqet bhala xhud lid-direttur taghha Olvin Galea li minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, stqarr li kien lest li jhallas is-sorte gjaladarba issa inghatat prova tar-riklam. Qal li Malcolm Vella ma kienx awtorizzat jorbot lis-Socjeta Konvenuta u li dan mghadux impjegat tas-Socjeta Konvenuta. Stqarr li ma kienx jaf dwar ir-riklam mertu tal-kawza sakemm tnedew l-odjerni proceduri;

Ikkunsidra;

Illi qabel xejn it-Tribunal se jiddisponi mill-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-Socjeta Konvenuta *ai termini* tal-Art. 2149(c) tal-Kap. 16. Din il-preskrizzjoni hija wahda qasira ta' sentejn li tapplika fil-kaz ta' azzjonijiet ta' professjonisti u persuni ohra li jezercitaw arti liberali, ghad-drittijiet u spejjez taghhom;

Illi l-kaz odjern jitratta reklamar a bazi ta' *brief* li tirrizulta mid-dokument a fol. 16. Dan ir-reklam gie pubblikat fuq *inflight magazine*. Is-Socjeta Konvenuta qed tghid li tali servizz jaqa' fil-kategorija ta' servizzi moghtija minn professjonisti u persuni ohra li jezercitaw arti liberali;

Illi fil-waqt li certi aspetti tax-xoghol medjattiku jistghu jigu kkunsidrati bhala prestazzjoni professjonali (bhal xoghol gurnalistiku) jew espressjoni ta' arti liberali (bhal fotografija jew disinn), mhux kull xoghol ta' reklamar jista' jaqa' taht din il-kappa aktar u aktar meta s-servizzi jkunu jirrigwardaw sempliciment il-pubblikazzjoni ta' reklam b'mezz stampat.

Illi fil-fehma tat-Tribunal, il-prestazzjonijiet li wasslu ghall-vertenza odjerna jikkostitwixxu att ta' kummerc u certament mhux xi prestazzjoni professjonali jew artistika aktar u aktar meta mill-provi ma rrizulta li ma kienx hemm xi servizz iehor ghajr il-pubblikazzjoni ta' riklam fuq *magazine* skond il-brief tas-Socjeta Konvenuta. Konsegwentement, fil-fehma tat-Tribunal, tali servizz ma jinkwadrax taht id-dispozizzjonijiet tal-Art. 2149(c) tal-Kap. 16 u ghalhekk il-preskrizzjoni ta' sentejn ma tapplikax. Dan gie anke ritenut mill-Qorti tal-

Kummerc fis-sentenza fl-ismijiet "Godfrey Grima *noe vs* Ronald Anthony Muscat *et noe*" moghtija fl-14 ta' Frar 1983;[1]

Illi ghalhekk l-ewwel eccezzjoni se tigi michuda;

Ikkunsidra;

Illi sorvolata l-kwistjoni tal-preskrizzjoni, imiss lit-Tribunal iqis il-mertu tal-vertenza, fid-dawl tal-bqija tal-eccezzjonijiet tas-Socjeta Konvenuta;

Illi fil-waqt li s-Socjeta Attrici ressqet provi in sostenn tal-pretensjoni taghha, jidher car, minn dak li xehed Olvin Galea, li s-Socjeta Konvenuta hija disposta li thallas l-ammont reklamat. Galea jghid li l-pagament ma sarx qabel ghaliex ma kienx konsapevoli tal-fatt li kien sar dan ir-riklam u vverifika l-fatti hekk kif gie a konoxxenza tal-odjerna vertenza;

Illi fid-dawl ta' dan, it-Tribunal iqis li t-talba attrici tirrizulta ppruvata u ghalhekk it-tielet eccezzjoni se tigi michuda. Madankollu, it-Tribunal ma jistax jiskarta t-tieni eccezzjoni billi hu car li hekk kif ingiebu l-minimu tal-provi sabiex isahhu l-azzjoni attrici, is-Socjeta Konvenuta, accettat li tghaddi ghall-hlas, salv l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Illi t-Tribunal, tenut kont tan-natura tal-proceduri quddiemu u tal-fatt li l-ligi trid li l-proceduri jigu decizi a bazi tal-ekwita, iqis li din l-eccezzjoni ghandha tintlaqa' parzjalment u fic-cirkostanzi se jordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha fil-waqt li l-imghax ghandu jiddekorri mid-data tal-lum. It-Tribunal se jiddisponi b'dan il-mod in vista tan-natura tal-kaz fejn is-Socjeta Konvenuta esprimiet ruhha disposta li tghaddi ghall-hlas purche tinghata taghrif dwar ir-riklam *de quo*, liema taghrif irrizulta li ma kienetx taf bih stante li l-persuna li kienet responsabbli ghal din il-bicca xoghol mghadux impjegat taghha;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi fil-waqt li jichad l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet tas-Socjeta Konvenuta, jilqa' parzjalment it-tieni eccezzjoni limitatament ghall-kap tal-ispejjez u tal-imghax, konsegwentement jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-Socjeta Konvenuta thallas is-somma ta' €1,510.40 bl-imghax jiddekorri mil-lum fil-waqt li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*

[1] Mhux pubblikata fil-Kollezzjoni izda riportata fl-opra ta' Dr Philip Farrugia Randon "*The Word of the Court*" VI-2120